MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-28 ta' Frar, 2003

Avviz Numru. 543/2001/1

Avviz Nru:-543/01DM

U.C.I.M. Co Limited

Vs

Rhiana Agius nee Buttigieg

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema tal-atturi talbu l-kundanna tal-konvenuta sabiex thallas is-somma ta' seba' mija u tnejn u disghajn lira Maltija (Lm792) rappresentanti import ta' disa' (9) kambjali ta' Lm88 il-wahda debitament accettati u skaduti minn Ottubru 2000 sa Gunju 2001 rispettivament u mhux imhallsa, annessi u mmarkati bhala dokumenti numri minn 1 sa 9 konsekuttivament u inklusivament.

Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sat 30 ta' Mejju 2001 jammontaw ghal Lm22, oltre l-imghax

ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjes kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta fejn eccepiet illi:

1 Hija hallset il-kambjali dok 1,2 u 3 (kambjali numru 26, 27 u 28) per mezz tac- cheque numru 153 mahrug fuq il-Bank of Valletta datat 11 ta' Novembru, 2000, ammontanti ghal Lm267), u l-kambjali dok 4, 5 u 6 (kambjali numru 29, 30 u 31) per mezz tac-cheques numru 201, datat 31 ta' Jannar, 2001, ghal Lm89, numru 203 datat 28 ta' Frar, 2001 ghal Lm89 u numru 204 datat 31 ta' Marzu, 2001 ammontanti ghal 89, u l-attur qed jirrifjuta li jikkonsenja dawn il-kambjali ghax issa qed jimputa dawn il-pagamenti ghal kambjali ohra li l-konvenuta kienet gia hallset u giet moghtija kambjali bhala ricevuta. Attwalment, l-attur iddeduca dik il-pretensjoni f'kawza ohra (numru 542/01 SM differita ghal 15 ta' Novembru, 2001, u li fiha l-konvenuta eccepiet li l-kambjali gew moghtija lilha bhala ricevuta tal-pagament effettwat)
Dwar il-kabjali dok 7 sa 9
2 Huwa l-istess attur illi qed jirrifjuta li jithallas ta' dawn il-kambjali u jikkonsenjhom lill-konvenuta, u dana billi qed jippretendi illi kwalsiasi hlas ghandhu jigi imputat ghal kambjali precedenti;
3 Il-konvenuta qieghda anke issa toffri li thallas dawn il-kambjali purche' jigu konsenjati lilha dawn l-istess kambjali

Semghet ix-xhieda prodotti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi l-kontestazzjoni tal-konvenuta tirrigwarda biss il-kambjalijiet immarkati bin-numru wiehed (1) san-numru

sitta (6) illi jinsabu esibiti mal-avviz u li mmaturaw respettivament kull xahar mill-1 t'Ottubru tas-sena 2000 sal-1 ta' Marzu tas-sena 2001.

Il-konvenuta tikkontendi illi ghada ma ghamlitx il-hlas tal-kambjalijiet 7, 8, 9 illi mmaturaw bejn April 2001 u l-1 ta' Gunju 2001 ghal valur komplessiv ta' Lm264 (mitejn erba u sittin lira Maltin) u dana peress illi kull meta offriet il-hlas l-atturi riedu jimputaw dan il-hlas ghal-kambjalijiet precedenti illi kienu ghadhom fil-pussess taghhom, nonostante illi l-konvenuta tippretendi illi gew saldati.

Ghaldaqstant il-prova li tispetta lill-konvenuta, u hija tenuta li ggieb provi konklussivi illi l-kambjalijiet indikati bin-numru 1 san-numru 6 huma effettivament imhallsin u illi l-atturi illegalment zammew il-pussess tal-istess.

Evidentement, minn jallega hlas, senjatament hlas ta' kambjali, ghandhu l-oneru fuqhu li jipprovdi prova konklussiva ta' dan il-hlas.

F'cirkostanzi normali l-prova konklussiva tal- hlas ta' kambjali tikkonsisti fit-trasferiment tal-pussess tal-kambjala minghand il-kreditur lid-debitur li jkun ghamel il-hlas.

Ghalhekk f'dan il-kaz sakemm ghadt hemm il-kambjali fil-pussess tal-kreditur jispetta lill-konvenuta li ggib prova tajba illi hallset l-import tal-kambjali lill-kreditur u li tipprova dan b'mod konklussiv illi ma jhalli ebda dubju illi l-kreditur kien abusivment baqa' jiddetjeni f'idejh il-kambjalijiet saldati.

Mill-istatements dettaljati esibiti mill-kontendenti jirrizulta illi, d-divergenza bejniethom u l-bazi kollha tal-kontestazzjoni tirrigwarda l-fatt illi waqt li l-konvenuta tallega illi kienet ghamlet pagamenti fi flus kontanti fejn jirrigwarda l-kambjalijiet illi mmaturaw bejn l-1 ta' Settembru 1998, u l-1 ta' Frar 2000, l-atturi ma jirrikonnoxxu tali hlas u ghalhekk meta saru l-pagamenti mill-konvenuta bic-cheque Nru 153 Nru 201 Nru 203 u Nru 204 dawn il-pagamenti gew imputati ghal dawk il-

kambjalijiet illi l-konvenuta sosstni li digia hallset bi flus kontanti u li l-atturi isosstnu illi dawn ma thallsux.

Illi ghalhekk biex il-konvenuta tista' tipprova illi effettivament ghamlet pagament tal-kambjali esibiti ghas-saldu bic-cekkijiet imsemmija, hija trid tipprova illi l-kambjalijiet precedenti kienu wkoll kollha saldati, u ghalhekk il-prova rikjesta mill-konvenuta hija prova konklussiva illi l-pagamenti li ghamlet bi flus kontanti effettivament kienu saru.

Ghalkemm l-atturi jsosstnu illi kull pagament ghas-saldu ta' xi kambjala jigi rikkonnoxxut permezz ta rilaxx ta' ircevuta u in segwitu b'rilaxx tal-pussess tal-kambjala, l-konvenuta ma kellha ebda forma ta' ircevuta u fil-fatt ma esibietx ebda tali rcevuta f'dawn il-proceduri.

Ghaldaqstant il-konvenuta ma wasletx ghal prova minnha rikjesta illi c-cekkijiet minnha indikati, fid-dokument EA1 a fol 54 (tal-process ) kif ukoll, li l-pagamenti permezz tac-cedola ta' depositu 203601 kellhom jigu imputati ghall-kambjalijiet in kwistjoni, billi l-kambjalijiet precedenti kienu kollha saldati, u konsegwentement tichad l-eccezzjonijiet minnha sollevati u tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas is-somma mitluba ta' Lm792 (seba mija u tnejn u disghin liri Maltin) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, oltre s-somma ta' Lm22 (tnejn u ghoxrin lira Maltin) imghax skadut fuq l-istess kambjali sat-30 ta' Mejju 2001 u bl-imghax ulterjuri fuq il-kapital ta' Lm792 (seba mija u tnejn u disghin liri Maltin) b'effett mill-31 ta' Mejju 2001;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta

-------------------------------TMIEM-------------------------------